# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A. M.A.(Fin. Serv.) LL.D.**

**Seduta tal-llum 27 ta' Ottubru 2023**

**Carmen Mifsud (K.I. nru. 269750(M))**

**Anabelle Shawish Mifsud (K.I. nru. 397373(M))**

**Reuben Mifsud (K.I. nru. 388275(M))**

**Dernaris Agius (K.I. nru. 0634182(M))**

**vs**

**CK Technologies Limited (C 34715)**

**Kawza Numru: 1**
**Rikors Numru: 196/18NB**

**Il-Bord,**

**I. <u>PRELIMINARI</u>**

**Ra r-rikors ta' Carmen Mifsud (K.I. Nru. 269750(M)) datat 14 ta' Novembru 2018 fejn gie premess illi:**

*1. Ir-rikorrenti huma s-sidien tal-fond kummerċjali bin-numru uffiċjali mitejn wiehed u sebghin (271), Triq Haz Zabbar, Paola.*

*2. Permezz ta' kuntratt lokatizju datat tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013), ir-rikorrenti Carmen Mifsud, dak iż-żmien flimkien ma" żewġha, Philip Mifsud, illum mejjet (u li ghalnekk wirtuh ir-rikorrenti kollha), krew il-fond kummerċjali hawn*

*fuq imsemmi lill-intimati u dan kif soggett għal dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet hemm stipulati (DOK. A).*

*3. Gara iżda illi s-soċjetà intimata kisret u ghadha qed tikser l-obbligi assunti minnha fil-ftehim lokatizju, partikolarment l-artikolu 5 tal-istess ftehim; minkejja debitament notifikati b'dan l-ewwel permezz ta' ittra uffiċjali bir-riferenza numru 2794/2018 datata sebgha (7) ta' Awwissu elfejn u tmintax (2018) u notifikata lilhom nhar l-erbatax (14) ta' Awwissu elfejn u tmintax (2018) (DOK. B), imbaghad permezz ta' ittra legali datata hdax (11) ta' Ottubru elfejn u tmintax (2018) (DOK. C), l-intimati baqgħu ma rregolawx ruhhom. Illum il-ġurnata għalhekk ir-rikorrenti ghandhom id-dritt jitolbu u jottjenu l-izgumbrament tal-intimati mill-fond mertu ta' dan ir-rikors, u b'hekk jiksbu r-ripreza tiegħu.*

*4. In oltre, ir-rikorrenti jirriżervaw illi jsejħu fil-kawża lill-inkwilin il-ġdid gialadarba l-identità tiegħu tigi magħrufa.*

*Għaldaqstant, dan l-Onorabbli Bord qiegħed umilment jigi mitlub sabiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni u/jew ordni necessarja u meqjusa opportuna jordna, ghar-raġunijiet fuq premessi:*

> *1. Tiddikjara illi l-intimati kisru l-obbligi assunti minnhom fil-ftehim lokatizju datat tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013), partikolarment l-artikolu hamsa (5) tal-istess ftehim;*
>
> *2. Lill-intimati sabiex jivvakaw mill-fond kummerċjali bin-numru uffiċjali mitejn wiehed u sebghin (271), Triq Haż Zabbar, Paola, u jipprefiggi żmien qasir u perentorju li fih l-intimati għandhom jizgombraw mill-istess fond kummercjali, jnehhu dak kollu li huwa hwejjighom u jagħtu lura l-pussess battal u shih tal-istess fond lir-rikorrenti fl-istess stat tajjeb illi kien mghoddi lilhom, u jawtorizza ghaldaqstant lir-rikorrenti sabiex jichdu lura l-pussess ta' dan il-fond, dan kollu ai termini tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta:*
>
> *3. Jiddikjara illi l-intimati huma unikament responsabbli għad-danni u spejjeż ohra sofferti mir-rikorrenti in konnessjoni mal-kirja u ħwejjeg aċċessorji għaliha, fuq imsemmija u kif fuq spjegat, jillikwida d-danni sofferti, u jikkundanna lill-intimati jhallsu l-ammont hekk likwidat.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati, u bl-imgħax legali fejn applikabbli, ukoll kontra l-intimati li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.*

**Ra r-risposta ta' CK Technologies Limited (C54715) datata 11 ta' Marzu 2019 (fol 27) fejn gie eccepit:**

*1. Preliminarjament illi r-rikorrenti iridu jippruvaw l-interess guridiku tagħhom stante li l-kuntratt lokatizju datat tnax (12) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) sar bejn l-esponenti u r-rikorrenti Carmen Mifsud flimkien mal-kompjant żewġha Philip Mifsud;*

*2. Subordinament, u mingħajr pregudizzju għall-premess, illi t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-esponenti ma kisru l-ebda klawżola mill-ftehim suriferit, u dan kif ser jigi provat ahjar fil-mori tal-kawża;*

*3. Subordinament, u mingħajr pregudizzju ghall-premess, illi l-atturi ma sofrew l-ebda danni fil-fond mertu tal-kawza;*

*4. Illi t-talbiet atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jigu michuda bl-ispejjeż;*

*5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż.*

**Ra l-verbali tas-seduti.**

**Ra l-atti proċesswali kollha.**

**Ra li din il-kawza giet assenjata lil dan il-Bord kif presjedut in forza ta' Ordni tal-Prim' Imhallef, S.T.O. Mark Chetcuti, tas-27 ta' Lulju 2021.**

**Ra n-Noti ta' Osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet u ċioe' dik tas-socjeta intimata ppreżentata fit-30 ta' Jannar 2023 (fol 163 et seq) u dik tar-rikorrenti preżentata fis-16 ta' Marzu 2023 (fol 173 et seq).**

**Sema u ra t-trattazzjoni traskritta tad-difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tal-20 ta' April 2023.**

**Ra l-verbal tas-seduta tal-20 ta' April 2023 fejn il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.**

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz ta' din il-kawza l-atturi qedin jitolbu lill-Bord sabiex jiddikjara li s-socjeta intimata kisret l-obbligi assunti minnha fil-ftehim lokatizju datat 12 ta' Ottubru 2013 (Dok A – fol 3 sa 10) partikolarment il-klawsola numru 5 fir-rigward tal-fond numru 271 Triq Haz Zabbar, Paola mikri mir-rikorrenti lill-intimata u konsegwentement sabiex jordna lill-istess intimata sabiex tizgombra mil-istess fond u kif ukoll talba sabiex l-istess intimata tigi dikjarata responsabbli ghad-danni u spejjez ohra sofferti mir-rikorrenti in

konnessjoni mal-kirja u konsegwenti talba ghal likwidazzjoni u kundanna ghall-hlas tal-istess danni.

Is-socjeta intimata wiegbet billi qalet li l-atturi ghandhom juru l-interess guridiku taghhom billi l-kuntratt in meritu kien sar originarjament mar-rikorrenti Carmen Mifsud u zewgha Philip Mifsud li gie nieqes. Qalet ukoll li t-talbiet attrici huma nfondati in kwantu hija ma kisret ebda klawsola tal-ftehim. Wiegbet ukoll li l-atturi ma soffrew ebda danni.

***Interess Guridiku***

Il-Bord ser jibda biex jittratta l-ewwel eccezzjoni tal-intimata dwar l-interess guridiku. Mill-provi jirrizulta li l-kuntratt lokatizju *de quo* (fol 3) gie ffirmat bejn is-socjeta intimata minn naha l-wahda u Philip Mifsud u martu Carmen Mifsud minn naha l-ohra *qua* sidien. **Fl-affidavit taghha (Dok KB 1 – fol 45 sa 61) ir-rikorrenti Carmen Mifsud xehdet** illi l-fond in meritu kien inxtara minn zewgha Philip Mifsud waqt li huma kienu mizzewgin (Dok CM 1 u 2 – fol 48 et seq) u ghalhekk hija sid ta' nofs indiviz. Fid-9 ta' Frar 2014 zewgha gie nieqes kif jirrizulta mic-certifikat tal-mewt Dok CM 4 – fol 57 u wirtuh uliedhom ir-rikorrenti l-ohra Annabelle, Ruben u Demaris ahwa Mifsud (Dok CM 5 – fol 58). **Ir-rikorrenti Anabelle Shawish Mifsud fl-affidavit taghha (fol 62 sa 67)** tghid li hija flimkien ma hutha huma s-sidien tan-nofs indiviz tal-fond in meritu, liema fond huma akkwistaw *in via di successione* mill-wirt ta' missierhom Philip Mifsud u dan kif jidher mid-dikjarazzjoni *causa mortis* fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Cassar tal-10 ta' Dicembru 2014 (Dok SA 1 – fol 64 et seq). B'hekk jirrizulta li l-atturi huma kollha flimkien ko-proprjetarji tal-fond in meritu filwaqt li r-rikorrenti Carmen Mifsud hija wkoll uzufruttwarja.

Il-Bord josserva li dawn il-provi ma gew bl-ebda mod kontradetti. *Qua* sidien tal-fond in meritu l-Bord hu tal-fehma li r-rikorrenti jgawdu l-interess guridiku mehtieg sabiex iressqu l-azzjoni odjerna. Ghalhekk il-Bord iqis li l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta intimata hija nfondata u ghaldaqstant qeda tigi respinta.

***Mertu***

Ghal dak li jirrigwarda l-mertu l-Bord jibda minnufih biex josserva li ghalkemm l-ewwel talba attrici hija redatta fil-plural u qed tintalab dikjarazzjoni ta' ksur tal-'obbligi' assunti mill-intimata fil-ftehim lokatizju, fil-verita mill-premessi stess tar-rikors promotur u mill-atti li pprecedew il-kawza – specifikatament l-ittra ufficjali datata 6 ta' Awwissu 2018 (fol 12) u l-ittra legali datata 11 ta' Ottubru 2018 (fol 14) jemergi li l-lanjanza attrici hija prattikament marbuta ma allegat ksur wiehed biss u cioe' dak rigwardanti l-klawsola numru 5 tal-ftehim lokatizju liema klawsola tittratta s-sullokazzjoni.

Madanakollu fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom u waqt it-trattazzjoni finali, l-atturi jamplifikaw il-lanjanza taghhom u jghidu li l-ewwel talba taghhom hija '*blanket provision*' li tikkomprendi fiha ksur ta' diversi kundizzjonijiet. In sintezi huma ghalhekk jghidu illi il-lanjanzi taghhom jirrigwardaw is-segwenti ksur tal-obbligi lokatizji:

Fl-ewwel lok jargumentaw li l-kuntratt lokatizju kien jivvjeta s-sullokazzjoni u billi s-socjeta intimata ssullokat il-fond minghajr il-kunsens taghhom, hija kisret l-imsemmija klawsola. Ghal dan l-intimata wiegbet li l-kuntratt lokatizju fih innifsu kien itiha d-dritt ta' sullokazzjoni purche din issir bl-istesss kundizzjonijiet tal-ftehim originali u ssostni li billi s-sullokazzjoni minnha effettwata inghatat b'kundizzjonijiet identici ghal ftehim originali, allura ma hemm ebda ksur.

Fit-tieni lok ir-rikorrenti jzidu illi *dato ma non concesso* li tigi accettata l-interpretazzjoni tal-intimata dwar il-klawsola numru 5, xorta wahda wiehed isib li hemm ksur billi s-sullokazzjoni effettwata mill-intimata ma nghatatx bl-istess kundizzjonijiet tal-ftehim originali, fost ohrajn billi l-kera pattwita mas-subinkilina hija ghola minn dak konsentit fil-kuntratt originali. Dan huwa michud mis-socjeta intimata.

Fit-tielet lok l-atturi jghidu li hemm ukoll ksur konsistenti fil-fatt li ghalkemm fil-klawsola numru 4 tal-kuntratt lokatizju huwa vjetat li l-fond jintuza ghal skop residenzjali u l-intimata kienet marbuta tuza l-fond bhala '*class four (IV) shop*', irrizulta mir-rapport tal-membri teknici li filwaqt li parti mill-fond qed jintuza bhala '*salon*' hemm parti ohra li qed jintuza bhala residenza u allura bi ksur tal-klawsola numru erba (4). Ghal dan l-intimata twiegeb illi hija ssulokat il-fond in meritu biex jintuza proprju bhala *class four shop* u ufficini u proprju vvjetat li l-fond jintuza ghal skop residenzjali kif jirrizulta mill-kuntratt ta' sullokazzjoni fil-klawsola 3 li tittratta dwar l-'uzu' (fol 37). Tghid li hija skopriet li s-sub-inkwilina kienet qed tuza parti mill-fond b'uzu residenzjali dakinhar tal-access tal-membri teknici tal-Bord u in segwitu anke pprezentat protest gudizzjajru kontra s-sub-inkwilina taghha sabiex din tal-ahhar tirregola ruhha.

Fir-raba lok ir-rikorrenti jsostnu li hemm ukoll ksur tas-sitt (6) klawsola tal-ftehim lokatizju li tirrigwarda l-obbligu li l-fond jinzamm fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, li jsir manutenzjoni regolari u riparazzjonijiet ta' natura ordinarja. Tghid li mir-rapport peritali hareg li l-madum tal-btiehi u l-hitan tal-btiehi huma fi stat hazin u dan jammonta ghal ksur tal-obbligu tas-sitt (6) klawsola msemmija. L-intimata wiegbet li hija dejjem hadet hsieb il-fond u ghamlet ameljoramenti.

***Ikkunsidra***

Illi hawnhekk il-Bord jibda billi jghid illi ghalkemm il-korp tar-rikors promotur u l-atti li pprecedew il-kawza kienu jikkoncentraw fuq allegat ksur tal-klawsola hamsa (5) tal-kuntratt, il-Bord ma jistax ma jqisx illi l-ewwel talba attrici hija fil-fatt wiesgha fil-

portata taghha u ghalhekk ser jinvesti fil-lanjanzji kollha sollevati mir-rikorrenti fil-kors ta' dawn il-proceduri kif indikati *supra*.

**<u>Allegat ksur tal-klawsola numru 5 tal-ftehim lokatizju.</u>**

Din il-klawsola tal-kuntratt lokatizju taqra hekk (fol 6 u 7):

> *L-Inkwilin huwa espressament vjetat milli jissulloka l-imsemmi fond lil terzi (fizici u/jew morali) u/jew li jassenja bi kwalunkwe mod u taht kwalsiasi titolu d-drittijiet tieghu naxxenti minn dan il-ftehim prezenti taht b'kundizzjonijiet differenti ghal dawk stipulati f'dan il-ftehim odjern. Izda f'kull kaz ta' sullokazzjoni/assenjazzjoni il-kera kwotidjana relattiva pagabbli mill-inkwilin il-gdid ghandha tkun daqs il-kera kwotidjana f'dak iz-zmien pagabbli lis-sidien mill-inkwilin attwali mizjuda ossija awmentata b'zewg Ewro (€2), u liema kera hekk awmentata ghandha terga' tigi riveduta u awmentata kull darba bl-ammont ta' Ewro wiehed (€1) fil-bidu ta' kull perijodu stipulat fil-klawsola numru tnejn (2) ta' dan il-ftehim. Kemm il-darba l-inkwilin jaghzel li ma jissullokax/jassenja d-drittijiet tieghu naxxenti minn dan il-ftehim, izda qabel it-terminazzjoni ta' din il-kirja huwa jsib persuna/i ohra li jkollhom l-interess li jiehdu l-imsemmi fond b'lokazzjoni direttament minghand is-sidien, l-inkwilin ikun jista' jipproponi li tali persuna/i bhala inkwilin prospettiv lis-sidien. F'kaz li s-sidien jaccettaw li jghatu l-fond tieghu b'lokazzjoni lill-imsemmija persuna/i lilhom riferuta, ghandu jsir ftehim gdid ta' lokazzjoni bejn is-sidien u l-imsemmija terza persuna/i, u l-kera relattiva tkun pagabbli direttament lis-sidien. Dan kollu jkun jista jsir minghand hsara ghad-dritt tal-inkwilin attwali li allura l-lokazzjoni tieghu tkun giet terminata, li jircievi minghand l-imsemmija terza persuna/i kwalunkwe hlas/ijiet (inkluz kwalunkwe rigal ossia 'key money') li jkunu ftehmu fuqu l-istess inkwilin u l-imsemmija terza persuna/ili jkunu saru l-inkwilini l-godda tal-imsemmi fond.*

Il-Bord josserva li ghal dak li jirrigwarda l-lanjanzi marbuta ma din il-klawsola dak li qed jintalab huwa essenzjalment interpretazzjoni tal-istess klawsola.

Il-Bord iqis illi ghal dak li jirrigwarda interpretazzjoni ta' kuntratti, il-Kap. 16 tal-Ligijiet Malta jistipula dawn ir-regoli li gejjin:

> *1002. Meta l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għal interpretazzjoni.*
>
> *1003. Meta s-sens tal-kelma ma jaqbilx ma' dak li kellhom fi ħsiebhom il-partijiet kollha, kif ikun jidher ċar mill-pattijiet meħudin kollha flimkien, għandha tgħodd l-intenzjoni tal-partijiet.*

*1004. Meta klawsola tista' tfisser ħaġa u oħra, għandha tiftiehem li tfisser dik il-ħaġa li biha jista' jkun hemm xi effett milli dik il-ħaġa li biha ma jista' jkun hemm ebda effett.*

*1005. Il-kliem li jista' jfisser ħaġa u oħra għandu jiftiehem fis-sens li l-iżjed jaqbel mal-oġġett tal-kuntratt.*

*1006. Dak li mhux ċar jitfisser minn dak li soltu jsir fil-lok fejnikun sar il-kuntratt.*

*1007. Fil-kuntratti għandu jitqies li hemm il-klawsoli ta' użu, ukoll jekk ma jkunux ġew espressi.*

*1008. Il-klawsoli kollha ta' kuntratt jitfissru l-waħda bl-oħra, billi lil kull klawsola jingħata s-sens illi jidher mill-att kollu.*

*1009. Fid-dubju, il-konvenzjoni tiġi mfissra kontra dak li favur tiegħu saret l-obbligazzjoni u favur dak illi ntrabat bl-obbligazzjoni.*

*1010. Għalkemm il-kliem li bihom tkun imfissra konvenzjoni jkunu ġenerali, fil-konvenzjoni ma jidħlux ħlief il-ħwejjeġ li fuqhom ikun jidher li l-partijiet kellhom il-ħsieb li jikkuntrattaw.*

*1011. Meta f'kuntratt jiġi msemmi każ wieħed sabiex bih jitfisser il-ftehim, ma jitqiesx b'daqshekk illi l-partijiet riedu jħallu barra każijiet oħra li ma ġewx imsemmija, jekk dawn il-każijiet l-oħra, skont ir-raġuni, kienu wkoll fl-iskop tal-ftehim.*

Minn qari tal-imsemmija klawsola u fid-dawl tar-regoli sudetti l-Bord hu konvint illi, ghalkemm l-imsemmija klawsola m'hiex redatta bl-iktar mod felici, din essenzjalment tipprovdi lill-intimata bil-fakolta li tissulloka purche tali sullokazzjoni ssir taht l-istess kundizzjonijiet tal-kuntratt originali. Dan johrog car mill-fatt illi l-klawsola fiha nnifisha tipprovdi ghal mekkanizmu specifiku ta' awment tal-kera fil-kaz ta' sullokazzjoni u tipprovdi wkoll kif dan l-awment jerga jigi awmentat mal-medda taz-zmien kif indikat fl-istess ftehim. Apparti minn hekk, il-kliem '*mill-inkwilin <u>il-gdid</u>*' meta komparati mal-kliem *'mill-inkwilin <u>attwali</u>'* uzati b'referenza ghall-mekkanizu ta' awment ma jhalli ebda dubbju li l-klawsola *per se* tipprovdi ghall-possibilita ta' sullokazzjoni. Inoltre l-kliem "*Kemm il-darba l-inkwilin jaghzel li ma jissullokax*" ukoll jikkonferma li l-inkwilin ghandu l-fakulta li jissulloka ghax altrimenti ma kienx ikun hemm referenza ghall-ghazla.

Il-Bord **ra wkoll l-affidavit tan-Nutar Jonathan Zammit (Dok JZ 1 – fol 119 et seq)** li huwa n-nutar li rrediga l-kuntratt lokatizju fejn xehed li l-intenzjoni tal-partijiet li ffirmaw l-iskrittura in meritu tat-12 ta' Ottubru 2013 (Dok A – fol 3 et seq) kienet li '*matul it-terminu tal-istess lokazzjoni l-inkwilin kellu d-dritt, il-fakulta u l-ghazla li jissulloka l-imsemmi fond f'Paola lil terzi (fizici u/jew morali) u/jew li jassenja bi*

*kwalunkwe mod u taht kwalsiasi titolu d-drittijiet tieghu naxxenti minn dak il-ftehim ta' lokazzjoni dment li tali sullokazzjoni/assenjazzjoni ssir b'kundizzjonijiet li ma kienux differenti ghal dawk stipulati fil-precitat ftehim ta' lokazzjoni tat-12 ta' Ottubru 2013. Tant kienet din l-intenzjoni tal-partijiet ghall-imsemmi ftehim ta' lokazzjoni illi l-istess partijiet sahansitra stipulaw x'rata ta' kera awmentata kellha tkun pagabbli mill-inkwilin il-gdid fl-eventwalita li ssir tali sullokazzjoni / assenjazzjoni*". Hanwhekk il-Bord jaqbel mas-sottomissjoni tas-socjeta intimata illi ma sar ebda kontro-ezami tal-istess Nutar u ghalhekk tali prova ma gietx kontestata. B'zieda ma dan il-Bord jinnota li x-xhud in meritu fil-vesti tieghu ta' Nutar huwa xhud indipendenti mill-partijiet u ghalkemm jirrizulta li tqabbad mis-socjeta intimata dan sar bi qbil mar-ragel tar-rikorrenti li dak iz-zmien kien qed imexxi dan il-ftehim.

Mhux hekk biss, izda **mill-kontro-ezami tar-rikorrent Reuben Mifsud li xehed fis-seduti tas-6 ta' Lulju 2021 (fol 99 sa 111) u tat-8 ta' Ottubru 2021 (fol 117 A sa D)** ikompli johrog ampjament car li l-lanjanza tar-rikorrenti fir-rigward tal-klawsola 5 kienet tirrizolvi ruhha fuq il-fatt li l-pozizzjoni tal-atturi kienet mhux li ma tistax issir sullokazzjoni *sic et simpliciter* izda li ma setghetx issir sullokazzjoni tal-fond in parti u li tali sullokazzjoni kellha tirrispekkja l-kundizzjonijiet tal-ftehiim originali. Dan huwa wkoll konfermat f'Dok RM 1 (fol 114 u 115) esebit mis-socjeta intimata li huma zewg emails mibghuta mill-istess xhud Reuben Mifsud lid-diretturi tas-socjeta intimata Keith Simiana u Clint Azzopardi datati 19 ta' Dicembru 2016 u 4 ta' Awwisssu 2017 fejn f'din tal-ahhar jinghad illi "*as per email below in December, our position is as stated below. In summary, there are two scenarios covered by the contract – a sublet of the entire premises on the same terms and conditions including the rent to be charged to the sub-lessee or an assigment*".

Mill-assiem ta' dawn il-provi u konsiderazzjonijet sudetti huwa car illi s-sottomissjoni tal-atturi li l-intimata ma kellhiex id-dritt li tissulloka l-fond mikri minghajr il-kunsens taghhom m'ghandiex mis-sewwa u qeda ghalhekk tigi respinta *in toto*. Dan iwassal ghat-tieni parti tal-lanjanza attrici marbuta mal-klawsola 5 u cioe' dik fejn isostnu li l-intimata kisret l-imsemmija klawsola billi ssullokat il-fond in meritu b'kera ghola minn dik permissibbli.

Skond il-klawsola numru 5 tal-kuntratt originali, fil-kaz ta' sullokazzjoni l-kera relattiva li ghandha tkun pagabbli mill-inkwilin il-gdid ghandha tkun daqs il-kera talvolta pagabbli mill-intimata awmentata b'zewg Ewro (€2) u din il-kera terga tigi riveduta u awmentata kull darba bl-ammont ta' Ewro wiehed (€1) fil-bidu ta' kull perijodu stipulat fil-klawsola numru tnejn (2) tal-kuntratt. Il-klaswola numru 2 hija l-klawsola li tistipola l-kera pattwita fil-kuntratt originali u kif din tghola mal-medda taz-zmien ossia:

i. fl-ammont ta' €23 kulljum ghall-ewwel 4 snin kera cioe mit-12 ta' Novembru 2013 sal-11 ta' Novembru 2017.

ii. fl-ammont ta' €24 kulljum matul l-4 snin sussegwenti cioe mit-12 ta' Novembru 2017 sal-11 ta' Novembru 2021.

iii. fl-ammont ta' €25 kulljum matul l-4 snin sussegwenti cioe mit-12 ta' Novembru 2021 sal-11 ta' Novembru 2025.

iv. fl-ammont ta' €26 kulljum matul l-ahhar 3 snin kera cioe mit-12 ta' Novembru 2025 sal-11 ta' Novembru 2028.

**Fis-seduta tal-4 t'Ottubru 2019 xehdet Ritienne Faenza (fol 34 et seq)** li hija kriet il-fond in meritu minghand is-socjeta intimata u esebiet il-kuntratt relattiv ta' sullokazzjoni (Dok RF 1 – fol 36 sa 39). Dan il-kuntratt li huwa datat 20 ta' Dicembru 2017 jipprovdi li s-socjeta intimata kienet qeda tissulloka l-fond in meritu lill-imsemmija Faenza ghall-perijodu ta' sentejn di fermo b'effett mill-1 ta' April 2018 sal-31 ta' Marzu 2020. Il-kera pattwita hija dik ta' €26 kulljum inkluz Hdud u festi pubblici. Dan l-ammont ta' kera huwa in linea ma dak li jipprovdi l-kuntratt ta' kera originali tat-12 ta' Ottubru 2013 (Dok A – fol 3 et seq) li jghid li l-kera f'kaz ta' sullokazzjoni ghandha tkun €2 aktar mill-kera li tkun pagabbli mis-socjeta intimata fiz-zmien tas-sullokazzjoni. Issa skond il-kuntratt originali l-kera pagabbli mis-socjeta intimata fiz-zmien is-sullokazzjoni kienet ta' €24 kull jum ossia dik ravvizata fil-para. 2(ii) tal-kunratt originali billi l-kirja kienet dahlet fit-tieni erba' snin taghha, u ghalhekk din il-kera ta' €24 mizjuda b'€2 tigi €26 kulljum li huwa l-ammont indikat fil-kuntratt ta' sullokkazzjoni tal-20 ta' Dicembru 2017.

L-atturi jikkontendu li ghalkemm il-kuntratt ta' sullokazzjoni jitkellem fuq kera ta' €26 kulljum, fil-verita l-kera percepita mis-socjeta intimata minghand is-sub-inkwilina taghhom Faenza hija ta' €45 kulljum u allura bi ksur tal-klawsola 5 sudetta. Dan jghiduh sia **r-rikorrenti Carmen Mifsud fl-affidavit taghha (fol 46)**, sia r-rikorrenti **Anabelle Shawish Mifsud (fol 62)** u kif ukoll ir-rikorrenti **Reuben Mifsud fl-affidavit tieghu (fol 76)** li in rigward jghid li l-intimata "*proceeded with marketing the property with an estate agency, asking price for Eur 45 per day*".

In sostenn ta' din it-tezi taghhom l-atturi ressqu wkoll bhala xhud lill-istess sub-inkwilina **Faenza li fis-seduta tal-4 t'Ottubru 2019 (fol 34 u 35) xehdet illi** hija thallas kera ta'€45 kulljum li jammontaw ghal elf tlett mija u tmenin inkluz maghhom rigal.

Il-Bord josserva li ghalkemm l-istess Faenza ssemmi kera ta' €45 kulljum fil-verita hija tikkwalifika x-xhieda taghha billi tghid li l-kera kienet dik kif miktuba fil-kuntratt ghaliex hi ma tafux bl-ammnet u mhux daqshekk intiza. Inoltre l-Bord josserva li in **kontro-ezami Reuben Mifsud (Fol 117 A et seq)** meta mistoqsi dwar il-kera li kienet qed tithallas mis-subinkwilina lill-intimata jghid li din kienet ta' €45 kulljum u jinsisti li ghal bidu ma kienu jafu xejn ghax l-intimati ma bdew jghidulhom xejn umbaghad saru jafu

minn Maltapark u Facebook li l-intimati kienu qedin jirreklamaw il-fond ghal kiri bil-kera ta' €45 kulljum.

**Ir-rapprezentant tas-socjeta intimata Clint Azzopardi xehed fis-seduta tal-25 ta' Frar 2021 (fol 82 sa 94)** illi huma ssullokaw il-fond lill-Faenza ezatt bl-istess kundizzjonijiet tal-kuntratt originali u li in kwantu ghal ammont ta' kera huma kienu qed jircievu kera fit-termini tal-klawsola 5 tal-kuntratt originali ossia ta' €26 kulljum. Jghid li huma ziedu €2 mal-kera li kienet tithallas minnhom qabel is-sullokazzjoni kif tipprovdi l-klawsola 5. **In kontro-ezami fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2022 (fol 141 et seq)** huwa jichad ghal kollox li s-socjeta intimata tircievi kera ghola minn dak konsentit fil-kuntratt originali. Meta rinfaccjat bil-figura ta' €45 kulljum li kienet ghamlet referenza ghaliha Faenza, huwa jispjega illi filwaqt li l-kera kienet dik ta' €26 kulljum skond il-ftehim originali, kien hemm umbaghad ammont iehor li kien jirrapprezenta l-ispejjez li huma kienu ghamlu fil-fond.

Hawnhekk il-Bord josserva li fil-kuntratt ta' sullokazzjoni datat 20 ta' Dicembru 2017 (fol 36 et seq) fil-klawsola numru 10 intitolata 'kostituzzjoni ta' debitu' tissemma l-figura ta' €14,000 li s-sub-inkwilina Faenza tiddikjara li huma dovuti lis-socjeta intimata *'liema somma tirrapprezenta valur bonarjament pattwit bejn il-partijiet ta' avvjament u spejjez ohra'* li s-socjeta intimata ghamlet fil-fond sullokat u li minnhom ser tkun qeda tgawdi l-istess subinkwilina Faenza. Din il-figura ta' €14,000 gie maqbul li kellha tkun pagabbli in kwantu ghal €1,166.66 li thallset dakinhar fuq il-kuntratt ta' sullokazzjoni filwaqt li l-bilanc ta' €12,833.33 b'rati mensili ta' €583.33 pagabbli mal-kera.

Il-kunttratt ta' sullokazzjoni kien ghal perijodu ta' sentejn di fermo mill-1 ta' April 2018 sal-31 ta' Marzu 2020. Il-figura ta' €14,000 indikata fil-klawsola 10 tal-kuntrattt ta' sullokazzjoni u rapprezentanti hlas ghall-avvjament u spejjez ohra inkorsi mis-socjeta intimata fil-fond sullokat kif ridotta ghal pagamenti kuljum iggib rata ta' €19.17 ghad-durata tas-sullokazzjoni liema figura mghaduda mal-ammont ta' €26 kulljum kera iggib total ta' €45.17 kulljum liema ammont jikkombacja mal-figura msemmija mis-subinkwilina Faenza ta' €45 kulljum. Izda billi s-subinkwilina xehedet li thallas €45 kulljum dan ma jfissirx li hija qeda thallas tali fugura bhala kera. Infatti l-istess subinkwilina tghid li l-ammont li hi thallas huwa spjegat fil-kuntratt ghaliex hi m'hiex daqstant intiza.

Ghalhekk ghal dak li jirrigwarda l-perijodu ta' sullokazzjoni indikat fil-kuntratt tal-20 ta' Dicembru 2017 (Dok RF 1 - Fol 36 sa 39) il-Bord ma jarax li hemm ksur tal-kundizzjoni numru 5 tal-kuntratt ta' kera originali billi skond l-istess kuntratt ta' sullokazzjoni, l-kirja pattwita ghas-sullokazzjoni hija ezatt in linea mal-ftehim originali ta' kera ossia ta' €26 kulljum filwaqt li l-ammont l-iehor ta' €19.17 huwa indikat li jirrapprezenta hlas dovut mis-sub-inkwilina bhala avvjament u spejjez inkorsi mill-intimata fil-fond sullokat li kienet allura se tgawdi l-istess sub-inkwilina.

Il-Bord m'ghandu ebda prova li dak indikat fil-kuntratt ta' sullokazzjoni huwa b'xi mod mhux minnu u ghalhekk fl-assenza ta' provi li jmeru dak pattwit fil-kuntratt ma jistax ma jghatix affidament ghal dak li jghid l-istess kuntratt aktar u aktar meta bejn id-data meta s-socjeta intimata hadet il-fond b'kera ossia fit-12 ta' Ottubru 2013 u d-data meta saret is-sullokazzjoni f'Dicembru 2017 b'effett minn April 2018 ghaddew circa 4 snin u allura huwa plawsibbli li s-socjeta intimata tkun lahqet ghamlet ameljoramenti fil-fond u rabbiet certu avvjament li allura kienu ser jitgawdew mis-subinkwilina taghhom.

Il-Bord hu tal-fehma illi huwa ma jistax jistrieh fuq suppozizzjonijiet izda jrid joqghod mal-provi kif jemanu fil-process u jrid jassigura li tigi rispettata l-massima legali li min jallega jrid jipprova. Issa fil-kaz in dizamina ghandna l-atturi li qed jallegaw li s-socjeta intimata ftiemhet mas-subinkilina taghha kera ghola minn dak pattwit u allura bi ksur tal-klawsola 5 tal-ftehim originali. Izda minn naha l-ohra din l-asserzjoni hi ghal kollox michuda mis-socjeta intimata. Il-kuntratt ta' sullokazzjoni ukoll ma jghatix ragun lit-tezi attrici billi jipprovdi ghal kera ezatt fl-ammont permess fil-ftehim originali ossia ta' €26 kulljum filwaqt li l-ammont l-iehor li qed jithallas mis-subinkwilina huwa ghal hlas ta' affarijiet ohra mhux kera u mill-provi mressqa ma hemm xejn x'jindika li dak dikjarat fil-kuntratt ta' sullokazzjoni mhux minnu.

Mhux hekk biss izda ghalkemm l-atturi jghidu li huma kienu saru jafu li s-socjeta intimata kienet qed tirreklama l-fond in meritu ghal kera ta' €45 kulljum, b'mod partikolari r-rikorrenti **Reuben Mifsud fl-affidavit tieghu (fol 76)** jghid li l-intimata "*proceeded with marketing the property with an estate agency, asking price for Eur 45 per day*" u in **kontro-ezami l-istess Reuben Mifsud (Fol 117 A et seq)** jghid li saru jafu minn Maltapark u Facebook li l-intimati kienu qedin jirreklamaw il-fond ghal kiri bil-kera ta' €45 kulljum, l-istess atturi ma ressqux provi biex jissostanzjaw dawn l-asserzjonijiet taghhom u la ressqu lill-*estate agency* u lanqas gabu provi dwar dak li allegatament kienet qed tirreklama s-socjeta intimata fuq facebook u/jew Maltapark.

Il-Bord izid illi, l-kuntratt ta' sullokazzjoni ma Faenza datat 20 ta' Dicembru 2017 (fol 36 et seq) kien ikopri sal-31 ta' Marzu 2020. L-istess Faenza xehdet f'dawn il-proceduri fl-4 t'Ottubru 2019 u l-kuntratt ta' sullokazzjoni kien ilu esebit fl-atti proprju minn dakinhar. Wara l-iskadenza tal-perijodu pattwit ta' sullokazzjoni ossia wara l-31 ta' Marzu 2020 l-kawza kienet ghadha fl-istadju tal-provi tal-atturi izda nonostante dan ma regghetx itellghet l-istess Faenza jew xhiedha ohra biex jixhdu fuq is-sitwazzjoni ezistenti wara l-31 ta' Marzu 2020. Il-Bord josserva li fid-29 ta' Settembru 2020 (fol 72) gie verbalizzat li l-atturi kien jonqoshom biss affidavit u li apparti tali affidavit ma kellhomx aktar provi. L-imsemmi affidavit kien dak tar-rikorrent Reuben Mifsud li gie pprezentat fit-2 ta' Ottubru 2020 (fol 74 et seq). In segwitu ghall-istess affidavit, fil-kawza saru l-kontro-ezamijiet tax-xhieda mressqa mill-atturi da parti tal-intimati, xehed Clint Azzopardi prodott mis-socjeta intimata u sar il-kontro-ezami tieghu u l-intimata pprezentat affidavit tan-Nutar Jonathan Zammit li ma sar ebda kontro-ezami tieghu.

Waqt il-kontro-ezami ta' Clint Azzopardi fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2022 (fol 141 et seq) hareg mill-aktar car li s-sub-inkwilina Faenza kienet ghadha qed tuza l-fond in meritu wara l-iskadenza tal-perijodu kopert fil-kuntratt ta' sullokazzjoni datat 20 ta' Dicembru 2017 (fol 36 et seq) li kif inghad kien ikopri sal-31 ta' Marzu 2020, izda nonostante dan ma ngabet ebda prova dwar jekk kienx hemm kuntratt ta' sullokazzjoni gdid jew jekk giex imgedded il-kuntratt li kien hemm jew x'kienu t-termini u l-kundizzjonijiet tas-sullokazzjoni wara l-31 ta' Marzu 2020 u b'mod partikolari jekk wara l-istess data baqghetx tithallas xi somma ohra lis-socjeta intimata oltre l-kera.

Mill-provi li ghandu quddiemu l-Bord ghandu biss kuntratt ta' sullokazzjoni li ghal dak li jirrigwarda t-tieni lanjanza tal-atturi, marbuta mal-ammont ta' sullokazzjoni li qed tircievi s-socjeta intimata u li skond l-istess atturi hija ghola minn dak permissibbli mill-kuntratt originali, jinnewtralizza ghal kollox it-tezi attrici in rigward, filwaqt li l-provi l-ohra kollha bl-ebda mod ma jiskossaw dak dikjarat fil-kuntratt ta' sullokazzjoni u l-Bord hu ghal kollox sajjem minn provi dwar is-sitwazzjoni prevalenti wara l-iskadenza tal-perijodu pattwit fis-sullokazzjoni ossia wara l-31 ta' Marzu 2020 u allura mill-assiem tal-provi quddiemu u l-kunsiderazzjonijiet sudetti ma jistax jinghad li s-socjeta intimata ssullokat il-fond in meritu bi ksur tal-klawsola 5 tal-kuntratt ta' kera originali datat 12 ta' Ottubru 2013 (Fol A – fol 3 et seq) u ghalhekk l-ewwel talba attrici marbuta mal-allegat ksur tal-klawsola numru 5 tal-imsemmi kuntratt qed tigi michuda.

**<u>Allegat ksur tal-klawsoli numri 4 u 6 tal-ftehim lokatizju.</u>**

Kif inghad *supra*, l-ewwel talba attrici hija redatta f'termini wiesgha u l-Bord ser jinvesti fil-lanjanzi l-ohra mressqa mill-atturi fil-kors ta' dawn il-proceduri ossia **(A)** dik marbuta mal-allegat ksur tal-klawsola numru 4 tal-kuntratt lokatizju fejn jinghad li ghalkemm huwa vjetat li l-fond jintuza ghal skop residenzjali, irrizulta mir-rapport tal-membri teknici, li s-subinkwilina kienet qed tokkupa parti mill-fond bhala residenza, u **(B)** dik marbuta ma' allegat ksur tas-sitt (6) klawsola tal-ftehim lokatizju li tirrigwarda l-obbligu li l-fond jinzamm fi stat tajjeb ta' manutenzjoni billi mir-rapport peritali hareg li l-madum tal-btiehi u l-hitan tal-btiehi huma fi stat hazin. F'entrambi kazijiet is-socjeta intimata tichad l-allegati ksur.

F'dan ir-rigward il-Bord jibda mill-ewwel billi josserva li skond il-klawsola numru 9 tal-kuntratt ta' lokazzjoni (fol 8):

> *"Is-sidien ghandhom dritt li jirrexxindu, jitterminaw u jxolju b'effett immedjat din il-lokazzjoni fi kwalunkwe zmien fil-kazijiet kontemplati mil-Ligi minn zmien ghal zmien matul il-perijodu tal-lokazzjoni kif ukoll f'kaz li l-inkwilini jikser xi kundizzjoni, patt jew obligazzjoni ohra assunta minnu/stipulata fuq dan il-ftehim u ma jissanax il-pozizzjoni tieghu fi zmien ghaxart (10) ijiem minn meta jigu notifikat b'ittra registrata mibghuta fil-fond in kwistjoni u li tindika lill-inkwilin il-*

*kontravvenzjoni relattiva ossia ksur ta' dan il-ftehim u twiddbu biex jirregolarizza l-pozizzjoni tieghu".*

Mill-provi mressqa quddiem il-Bord ma jirrizulta li ntbghatet ebda ittra registrata mill-atturi lill-intimata ai termini tal-klawsola sudetta fir-rigward tal-allegat ksur tal-klawsoli numri 4 u 6 tal-ftehim. Ghal din ir-raguni biss il-lanjanza attrici fir-rigward tal-imsemmija klawsoli hija wahda intempestiva u ma tistax tintlaqgha in kwantu l-atturi ma segwewx il-procedura kontemplata fil-ftehim innifsu.

Izda mhux hekk biss. Ghal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-klawsola numru 4 l-intimata tghid li hija ma wettqet ebda ksur tant li hija ssulokat il-fond in meritu biex jintuza bhala *class four shop* u ufficini proprju kif indikat fil-klawsola 4 tal-kuntratt ta' kera originali u sahansitra dahhlet klawsola specifika li biha vvjetat li l-fond jintuza ghal skop residenzjali kif jidher fil-klawsola numru 3 tal-kuntratt ta' sullokazzjoni li tittratta dwar l-'uzu' (fol 37).

Il-klawsola numru 4 tal-kuntratt lokatizju taqra hekk:

> *4.Is-sidien jiggarantixxu li l-fond in kwistjoni huwa kopert bil-permessi kummercjali validament mahruga mill-Awtoritajiet kompetenti bil-ghan li jintuza bhala Class (IV) shop u ufficini, u l-inkwilin jiddikjara li huwa qieghed jaccetta l-imsemmi fond biex juzah ghal tali skop. L-inkwilin huwa vjetat li juza l-imsemmi fond ghal skopijiet illegali. Is-sidien qeghdin minn issa stess jaghtu l-kunsens taghhom sabiex l-inkwilin ikun jista' f'kull zmien japplika mal-Awtoritajiet kompetenti ghall-hrug ta' permess/i gdid/godda tal-imsemmi fond, b'dana illi l-imsemmi fond ma jista' qatt jintuza ghal skopjijiet residenzjali u lanqas ma tista' ssir applikazzjoni ghall-hrug ta' permess biex l-imsemmi fond jintuza bhala residenza.*

Fuq dan l-allegat ksur ir-rikorrenti ma ressqu ebda provi tant li dan il-punt hareg mir-rapport peritali tal-membri teknici tal-Bord, il-Perit Elena Borg Costanzi u l-Perit Mario Cassar li del resto kienu gew mahtura mill-Bord fit-8 ta' Ottubru 2021 (fol 116) fuq talba tal-atturi sabiex jghatu l-valur lokatizju tal-fond lokat b'rabta mat-tielet talba attrici.

Fir-rapport taghhom a fol 131 et seq huma jghidu illi "*l-esponenti kkonstataw illi l-fond fih zewg entraturi u l-parti ta' quddiem tal-fond huwa salon mentri l-kumplament tal-fond huwa residenza u cioe ambjent li jintuza bhala kcina u salott illi jghati fuq il-bitha centrali, zewgt ikmamar tas-sodda illi jghatu ghal fuq il-bitha ta' wara u kamra tal-banju illi fiha wkoll kitchenette".*

Apparti li din il-kostatazzjoni fiha nnifisha mhux prova li s-socjeta intimata b'xi mod wettqet ksur tal-imsemmija klawsola 4 izda hija biss kostatazzjoni fattwali tal-konfigurazzjoni u tqassim tal-fond lokalt, mill-provi hareg li s-socjeta intimata skopriet li s-sub-inkwilina setghet kienet qed tuza parti mill-fond b'uzu residenzjali dakinhar tal-

access tal-membri teknici tal-Bord u in segwitu anke pprezentat protest gudizzjajru kontra s-sub-inkwilina taghha sabiex din tal-ahhar tirregola ruhha u mill-kontro-ezami ta' Clint Azzopardi (fol 147 et seq) jirrizulta li s-subinkwilina kienet qed tirregolarizza ruhha. Dan apparti li kif qalet tajjeb is-socjeta ntimata fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha din il-materja ma tistax tkun il-mertu ta' dawn il-proceduri billi s-sub-inkwilina Faenza lanqas biss hija parti f'dawn il-proceduri. Ghalhekk il-lanjanza attrici marbuta ma' allegat ksur tal-klawsola numru 4 tal-ftehim hija wkoll michuda.

Ghal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tas-sitt (6) klawsola tal-ftehim lokatizju jinghad illi l-istess klawsola taqra hekk:

> *6. L-inkwilin jobbliga ruhu li jzomm l-imsemmi fond fi stat tajjeb ta' manutenzjoni riparazzjoni u jkun responsabbli li a spejjez tieghu jaghmel kull manutenzjoni regolari, kif ukoll riparazzjonijiet ta' natura ordinarja li jistghu ikunu mehtiega minn zmien ghal zmien. Is-sidien huma responsabbli ghal manutenzjoni ta' natura straordinarja b'dana illi l-inkwilin ikun responsabbli ghal kwalsiasi manutenzjoni ta' natura straordinarja fil-kaz li l-hsarat ikunu saru intenzjonalment jew bi traskuragni tal-inkwilin u/jew ta' kull persuna ohra li l-inkwilin ikun halliha tidhol fl-imsemmi fond. L-inkwilin mhux responsabbli ghall-hsarat ikkawzati minn force majeure.*
>
> *Kwalsiasi kontijiet ta' dawl, ilma u telephone (kemm renta u konsum) kif ukoll kwalunkwe kontijiet dwar servizzi u komoditajiet ohra uzati fil-fond in kwistjoni huma a karigu tal-inkwilin b'effett mil-lum. Il-meters tad-dawl u l-ilma fl-imsemmi fond ser jigu trasferiti fuq isem l-inkwilin.*

Fir-rigward ta' dan l-allegat ksur ir-rikorrenti wkoll ma ressqu ebda provi u bhal fil-kaz tal-lanjanza precedenti dan il-punt hareg mir-rapport peritali tal-membri teknici tal-Bord fuq imsemmi. Fl-imsemmi rapport taghhom a fol 134 il-membri teknici jghidu illi:

> *"Illi l-esponenti ma setghux jaraw xi allerazzjonijiet strutturali recenti.*
>
> *Illi l-esponenti hadu konjizzjoni tal-finituri recenti fl-ambjenti residenzjali bhalma huma l-parquet flooring, il-madum tac-ceramika, u l-wall covering.*
>
> *Illi l-madum tal-btiehi u l-hitan tal-btiehi huma fi stat hazin ta' manutenzjoni.*
>
> *Illi l-finituri fl-ambjenti kummercjali jidhru illi tfasslu recentement bhalma huma s-suffitti u l-kamra tal-banju".*

Il-Bord hu tal-fehema illi apparti li dawn il-kostatazzjonijiet tal-membri teknici ma jammontawx ghal ksur tal-klawsola relattiva li timmerita sanzjoni ta' terminazzjoni tal-kera kif qed jitolbu l-atturi, mill-assiem tal-kostatazzjonijiet peritali jirrizulta li

grossomodo l-fond jinsab fi stat ta' anutenzjoni tajjeb b'ameljoramenti u finituyri recenti u ma saru ebda alterazzjonijiet strutturali. Apparti minn hekk l-atturi ma gabu ebda prova tal-istat li fih il-fond in meritu kien gie konsenjat lis-socjeta intimata biex jista jsir ezami. Li ghandu quddiemu l-Bord huwa kostatazzjoni peritali li b'mod generali l-fond jinsab fi stat tajjeb. Bhal fil-kaz tal-lanjanza precedenti l-Bord hu tal-fehema li s-socjeta intimata ma tistax semmai twiegeb ghall-azzjonijiet tas-sub-inkwilina minghajr ma din tal-ahhar iddahhlet fil-kawza. Ghalhekk il-lanjanza attrici marbuta ma' allegat ksur tal-klawsola numru 6 tal-ftehim qeda wkoll tigi michuda.

Fl-ahhar nett il-Bord wettaq ezercizzju fejn ikkompara l-kuntratt original ta' kera datat 12 ta' Ottubru 2013 (fol 3 sa 10) ma dak tas-sullokazzjoni datat 20 ta' Dicembru 2017 (fol 36 sa 39) u jirrizulta illi l-imsemmi l-kuntratt ta' sullokazzjoni jirrispetta ghal kollox u fuq kollox l-aspetti kollha essenzjali tal-kuntratt ta' lokazzjoni originali u ghalhekk ma hux bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-istess kuntratt originali.

Ghalhekk l-ewwel talba attrici qed tigi respinta. Minn dan isegwi illi t-tieni u t-tielet talbiet huma wkoll respinti billi huma dipendenti fuq u konsegwenazjali ghall-ewwel talba.

## III. KONKLUŻJONI.

Għalhekk, għal dawn ir-raġunijiet, il-Bord qiegħed jipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti u l-eċċezzjonijiet tas-socjeta' intimata billi jichad it-talbiet kollha attrici u jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata hlief ghall-ewwel eccezzjoni preliminari.

Spejjez kollha a karigu tal-atturi hlief ghal dawk relatati mal-ewwel eccezzjoni tas-socjeta intimata li ghandhom ikunu a karigu tal-istess socjeta intimata.

**Moqrija.**

**Noel Bartolo**
**Maġistrat**

**Caroline Perrett**
**Deputat Reġistratur**

**27 ta' Ottubru 2023**